## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 29 TA' SETTEMBRU, 2022**

**Kawza Numru: 5**

**Rik. 1237/2020 RGM**

**Owen Borg**

**Vs.**

**Is-Sindku u S-Segretarju Ezekuttiv**
**in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali**
**ta' San Gwann**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Owen Borg** pprezentat fid-29 ta' Dicembru, 2020 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann kien ħareġ sejħa għall-offerti (SGN-SSCS01/20) - "for the street sweeping and cleaning services in the locality of San Gwann using environmentally friendly practices". Fost l-offerenti kien hemm l-esponenti u Galea Cleaning Solutions JV. Il-kumitat tal-evalwazzjoni kien laqa' l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions JV, u l-esponenti appella quddiem il-Public Contracts Review Board, li ikkonferma d-deċiżjoni tal-kumitat evalwattiv. L-esponenti appella quddiem il-Qorti tal-Appell u ressaq erba' aggravvji. F'sentenza mogħtija fis-6 t'Ottubru 2020, fl-ismijiet ta' Owen Borg vs Kunsill Lokali San Ġwann et (appell nru. 265/20), il-Qorti, b'riferenza għall-aggravvju tal-esponenti qalet illi 'L-aggravju relattiv huwa, għalhekk, mistħoqq u l-offerta tas-soċjeta` intimata kellha tigi skwalifikata'. B'hekk il-Qorti laqgħet l-appell u tat direzzjoni ċara lill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann.

2. Li kellu jagħmel il-kunsill huwa li jissokta bil-proċess, bla ma jqis lil Galea Cleaning Solutions JV, ġaladarba l-Qorti tal-Appell ikkonfermat li dan tal-aħħar li kellu jkun skwalifikat. Il-Qorti ma ikkanċellatx il-proċess kollu.

3. Imma, b'disprezz ċar lejn l-awtorità tal-Qorti u d-deċiżjoni tagħha, il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann, flok implimenta din id-deċiżjoni, għamilha ċara illi sejjer jagħmel minn kollox biex jipprova jdur magħha u jġib xejn id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri. Tant hu hekk li filfatt, fil-laqgħa tal-25 ta' Ottubru 2020 (Laqgħa nru. 25), ġie minutat illi 'Kien hemm qbil li terġa' tinħareġ sejħa pubblika peress li l-Qorti rrevokat id-deċiżjoni tal-PCRB. Kien hemm qbil ukoll li jintalbu tliet kwotazzjonijiet għal knis biex jinħareġ servizz ta' emerġenza. Dawn it-tliet kwotazzjonijiet ma jkunux minn kuntratturi li qed jaħdmu bħalissa.'

4. Flok allura jissokta bil-proċess ta' tender b'Galea Cleaning Solutions JV ikun skwalifikat, il-Kunsill iddeċieda li jibda proċess ġdid mill-bidu nett, biex prattikament b'din il-manuvra, li se jiġri huwa li d-

difetti fl-offerta ta’ Galea Cleaning Solutions JV li ddeċiċidet dwarhom il-Qorti tal-Appell isewwihom fit-tender il-ġdid u b’hekk jerġa jidħol fiċ-ċans li jingħad l-kuntratt huwa.

5. Tajjeb jingħad bħalissa illi x-xogħol li għalih jirreferi t-tender suċċitat jagħmlu l-esponenti, flimkien ma’ terz. Meta ġie maqbul li t-tliet kwotazzjonijiet li jintalbu ‘ma jkunux minn kuntratturi li qed jaħdmu bħalissa’, kienu qed jirreferu għall-esponenti (avolja ma semmewx b’ismu), dejjem taħt l-iskuża ta’ servizz ta’ emerġenza u taħt raġuni li lanqas biss tirriżulta mill-minuti. L-idea kienet ċara – eskludi lil dak li appella mid-deċiżjoni tal-kunsill. Dan minkejja illi l-esponenti kien finalment ġie mal-ogħla offerenti fil-klassifika meta ngħata t-tender. Din tal-Kunsill Lokali ta’ San Ġwann allura ma hija xejn għajr manuvra oħra bil-għan illi jiġi eskluż l-esponenti, u l-offerta tingħata lil min iridu tal-kunsill, għal darb’oħra b’tentattiv ċar biex idur mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, b’disprezz sħiħ lejn l-awtorità tagħha. Dan huwa illegali, hekk kif ukoll bi ksur tal-prinċipji u r-regoli ta’ public procurement.

6. In vista ta’ dan, l-esponenti talab il-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni biex il-kunsill lokali intimat jiġi inibit milli: (i) jikkanċella, iwarrab u/jew b’xi mod ma jissoktax bil-proċess tal-għoti tat-tender SGN-SSCS 01/20, “for the street sweeping and cleaning services in the locality of San Gwann using environmentally friendly practices”, jew b’xi mod jaġixxi bi kwalunkwe mod biex jew b’riżultat illi idur ma’ u/jew jittenta jġib fix-xejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 t’Ottubru 2020, fl-ismijiet ta’ Owen Borg vs Kunsill Lokali ta’ San Ġwann et (appell nru. 265/20), jew jippermettu illi jsir dan; u milli (ii) jagħti, jiffirma, jilħaq ftehim, jesegwixxi u/jew jissokta bi kwalunke proċess, inkluż direct order, sejħa għal stajjem, sejħa għall-offerti, sejħa għal tender jew xi proċess ieħor ta’ public procurement għal street sweeping and cleaning services ġewwa l-lokalità ta’ San Ġwann, jew jiffirma xi kuntratti dwar l-istess, jew jippermettu li jsir dan.

7. Dan il-mandat ġie milqugħ b'digriet tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-10 ta' Diċembru 2020.

8. L-esponenti rikorrenti, jiddikjara illi taf b'dawn il-fatti personalment.

Raġuni tat-Talba

Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri, biex il-Kunsill Lokali jiġi ordnat illi jissokta bil-proċess tal-għoti tat-tender SGN-SSCS 01/20, "for the street sweeping and cleaning services in the locality of San Gwann using environmentally friendly practices".

Talbiet

**Jgħidu għalhekk l-intimati, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:**

1. Tordnalhom illi fuq l-istregwa tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fuq riferuta, jissoktaw bil-proċess tal-għoti tat-tender SGN-SSCS 01/20, "for the street sweeping and cleaning services in the locality of San Gwann using environmentally friendly practices", bl-esklużjoni tal-offerta ta' Galea Cleaning Solutions JV, sal-għoti tal-*award* finali;

2. Tordna illi waqt u tul l-adempiment tal-ordni skont l-ewwel talba wara s-sentenza, ma jiffirmaw, jilħqu ftehim, jesegwixxu u/jew jissoktaw bi kwalunke proċess, inkluż *direct order*, sejħa għal stajjem, sejħa għall-offerti, sejħa għal tender jew xi proċess ieħor ta' *public procurement* għal street *sweeping and cleaning services* ġewwa l-lokalità ta' San Ġwann, jew jiffirma xi kuntratti dwar l-istess, jew jippermettu li jsir dan.

3. Tagħti dawk l-ordnijiet u/jew direzzjonijiet meqjusa neċessarja;

Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-ittra ġudizzjarja numru 4302/2020, jmorru kontra l-intimati, li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta ġuramentata tas-Sindku Trevor Fenech u s-Segretarju Ezekuttiv Kurt Guillaumier f'isem il-Kunsill Lokali San Gwann**ipprezentat fid-9 ta' Frar, 2021 fejn jinghad kif gej:

1. Illi din hija risposta ghar-rikors ta' Owen Borg K.I. 108886M illi fih l-intimat talab lil din l-Onorabbli Qorti biex:-

a. *Tordnalhom illi fuq l-istregwa tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fuq riferita jissoktaw bil-process tal-ghoti tat-tender SGN-SSCS 01/20, 'for street sweeping and cleaning services in the locality of San Gwann using environmentally friendly practices 'bl-eskluzjoni tal-offerta ta' Galea Cleaning Solutions JV, sal-ghoti tal-award finali;*

b. *Tordna illi waqt u tul l-adempiment tal-ordni skont l-ewwel talba wara sentenza, ma jiffirmawx, jilhqu ftehim, jesigwixxu u/jew jissoktaw bi kwalunkwe process, inkluz direct order, sejha ghal stejjem, sejha ghall-offerti, sejha ghal tender jew xi process iehor ta' public procurement ghal street sweeping and cleaning services gewwa l-lokalita` ta' San Gwann, jew jiffirma xi kuntratt dwar l-istess jew jippermettu li jsir dan;*

*c. Taghti dawn l-ordnijiet u/jew direzzjonijiet meqjusa necessarja;*

2. Illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tiddeciedi dawn it-talbiet imressqa mir-rikorrenti;

3. Illi dawn it-talbiet, lanjanzi u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi muri f'din il-kawza;

4. Illi l-Kunsill Lokali miexi mal-proceduri

5. Illi jigi precizat li l-Qorti tal-Appell, fl-ebda punt ma tat direzzjoni sabiex ikompli il-process tat-tender *SGN-SSCS 01/20, 'for street sweeping and cleaning services in the locality of San Gwann using environmentally friendly practices'.*

6. Illi l-ghalhekk l-ghan finali tar-rikorrent huwa li jwaqqaf lil Kunsill Lokali ta' San Gwann milli jnaddaf il-lokalita`, stante li l-kuntratt tar-rikorrenti mal-Kunsill Lokali li abazi tieghu qed isir it-tindif bhalissa fil-lokalita` huwa kuntratt skadut;

Rat l-atti b'mod partikolari,

i) Il-verbal tat-12 ta' Ottubru 2021 minn fejn jirriżulta illi l-avukati tal-partijiet informaw lill-qorti illi l-Public Contracts Review Board kien laqa' appell tal-attur odjern, ħassar l-għoti tat-tender lil terza persuna u li sussegwentement il-kuntratt mertu tal-kawża odjerna ingħata lill-attur.
ii) Il-verbal tal-24 ta' Jannar 2022 minn fejn jirriżulta illi in vista ta' l-iżviluppi fil-mori tal-kawża li jolqtu l-mertu, li wasslu li l-mertu tal-kawża ġie eżawrit, l-attur ċeda t-talbiet attriċi in kwantu jolqtu l-mertu u żamm ferm il-kap tal-ispejjeż.
iii) Skond l-istess verbal tal-24 ta' Jannar 2022 il-partijiet ingħataw xahar żmien sabiex il-kawża tiġi deċiża u fin-nuqqas jippreżentaw il-provi dokumentarji tagħhom fi żmien sitt xhud.
iv) In-nota ta' dokumenti tal-attur tat-3 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha eżebixxa kopja tal-mandat ta' inibizzjoni nru 1645/2020 u kopja tad-deċiżżjoni tal-Public Contracts Review Board tas-6 ta' Mejju 2021, oltre dokumenti oħra.
v) Il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Marzu 2022 fejn l-attur iddikjara li ma kellux aktar provi dwar il-kap tal-ispejjeż u l-kawża tħalliet għas-17 ta' Mejju 2022 għall-provi tal-konvenuti dwar il-kap tal-ispejjeż,

vi) Il-verbal tas-17 ta' Mejju 2022 minn fejn jirriżulta illi la dehru l-konvenuti u lanqas l-avukati tagħhom u għalhekk il-qorti iddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi dwar il-kap tal-ispejjeż magħluq u tat termini lill-partijiet għall-preżentata ta' noti ta' osservazzjonijiet u ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza.

vii) Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur tat-18 ta' Mejju 2022 filwaqt li kkonstatat illi l-konvenuti ma ppreżentaw l-ebda nota ta' osservazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Għalkemm il-kunsill lokali konvenut ressaq l-eċċezzjoni preliminari li din il-qorti m'għandiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' l-kawża odjerna, la ressaq provi fir-rigward u lanqas ippreżenta sottomissjonijiet in sostenn.

Mhux eskluż li l-konvenut ikkonfonda l-eċċezzjoni tal-karenza ta' ġurisdizzjoni mal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza rationae materiae. Hu x'inhu, din hija l-eċċezzjoni li l-Qorti għandha quddiemha u ma ssib xejn li jista' remotament iwassalha tikkonsidra li m'għandiex ġurisdizzjoni tisma' l-kawża odjerna. Tqis għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari bħala totalment infondata.

L-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuit jirrigwardjaw il-mertu fejn essenzjalmnet qed jiġi eċċepiet illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li skwalifikat l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions JV il-kunsill ma kienx marbut li jkompli bil-proċess tat-tender SGN-SSCS 01/20 "for street sweeping and cleaning services in the locality of San Gwann using environmentally friendly practices."

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni li waslet lill-attur jintavola l-kawża odjerna kienet tirrgwarda sejħa għall-offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali San Ġwann dwar kuntratt għat-tindif tat-toroq fil-lokalita’ ta’ San Ġwann.

Il-kunsill lokali konvenut kien laqa’ l-offerta ta’ terz, ċertu Galea Cleaning Solutions JV, minkejja li kien hemm raġunijiet sabiex l-offerta ta’ dan it-terz tiġi skwalifikata.

Rinfaċċjat b’dik is-sitwazzjoni l-attur kien talab u ottjena l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-kunsill lokali konvenut sabiex iwaqqaf milli l-kuntratt jingħata lit-terz imsemmi filwaqt li kkontesta dik id-deċiżżjoni l-ewwel quddiem il-Public Contracts Review Board li kkonferma d-deċiżżjoni tal-kumitat evalwattiv tal-kunsill; imbagħad quddiem il-Qorti tal-Appell li b’sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2020 skwalifikat l-offerta ta’ Galea Cleaning Solutions JV.

Il-kunsill lokali konvenut, minflok ma kompla bl-evalwazzjoni tal-offerti mitfugħha bl-esklużżjoni tal-offerta ta’ Galea Cleaning Solutions JV iddeċieda li jiskarta dak il-proċess u minflokk jibda proċess ġdid għal sejħa ta’ offerti ġodda.

Permezz tal-kawża odjerna l-attur talab li in vista’ tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija din il-Qorti tordna lill-kunsill lokali konvenut ikompli bil-proċess tal-għoti tat-tender SGN-SSCS 01/20 bl-esklużżjoni tal-offerta ta’ Galea Cleaning Solutions JV sal-għoti tal-award finali.

Fis-sentenza tagħha tas-6 ta’ Ottubru 2020 il-Qorti tal-Appell irrevokat id-deċiżżjoni tal-20 ta’ Lulju 2020 tal-Public Contracts Review Bord tal-20 ta’ Lulju 2020 li min-naħa tiegħu kien ikkonferma deċiżżjoni tal-kunsill lokali konvenut li jagħti t-tender lil Galea Cleaning Solutions JV.

Illum il-mertu tat-talbiet atttriċi huwa eżawriti peress li fil-mori tal-kawża il-kuntratt ingħata lill-attur wara li b'deċiżżjoni tal-**Public Contracts Review Board** tas-6 ta' Mejju 2021 ġie deċiż kif ġej:

> "From the evaluation report it is clear that today's appellant's offer was the cheapest offer after that of Galea Cleaning Solutions JV who were disqualified. It is also clear that appellant's technical offer had obtained more points than Antoine Fenech and it stands to reason that the rating given by the evaluation board was wrong. This was confirmed by the testimony of the witness Chris Falzon who laid the blame on the epps system and surmised that it was probably due to the arithmetical corrections that had been made to the offers of some of the bidders. The financial offers had been left unchanged in the epps.
>
> This is absurd; and when the same witness was asked what was done to rectify the clear error, he stated that nothing was done and the flawed result as it came from the epps was accepted. Evaluation Boards are set up from persons and not robots just for this reason. A person is supposed to act intelligently when performing his duty. Yet the evaluation board had just ignored an obvious mistake and continued with the award.
>
> For these reasons it is clear to this Board that the award decision should be revoked.
>
> The Board thus decides in revoking the award of the tender to Antoine Fenech and directs that the evaluation board works out again the proper order of merit according t the tender Clause 6.1. However the same board should refrain from changing the markings given to the bidders in the technical assesement of the offers; they should use the same marks as already awarded."

Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell u d-deċiżżjoni tal-Public Contracts Review Board appena ċitata huma prova ċara li l-attur kien ġustifikat li jistitwixxi l-kawża odjerna kontra l-kunsill lokali konvenut wara li kien ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. It-talba attriċi sabiex il-Qorti tordna lill-kunsill lokali konvenut ikompli bil-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti b'esklużżjoni ta'

Galea Cleaning Solutions JV sal-għoti tal-award finali tirriżulta li hija aktar milli ġustifikata. Dik it-talba ġie sufrugata bl-avvenimenti li seħħew fil-mori tal-kawża odjerna. Konsegwentement tqis illi l-eċċezzjoni numru 5 tal-kunsill lokali konvenut fejn eċċepixxa li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell huwa ma kienx marbut li jkompli bl-evalwazzjoni tat-tender nru SGN-SSCS 01/20 hija infondata u għalhekk qed tiġi miċħuda.

Il-Qorti tqis għalhekk illi fil-kawża odjerna il-kunsill lokali konvenut huwa l-parti sokkombenti u bħala tali għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' din il-kawża ai termini tal-Artikolu 223 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi illi kull sentenza għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż tal-kawża.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet tal-kunsill lokali konvenut u t-talba attriċi dwar l-ispejjeż tal-kawża billi;

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-kunsill lokali konvenut;

2. Tilqa' t-talba tal-attur dwar il-kap tal-ispejjeż u tikkundanna lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann sabiex iħallsu lill-attur l-ispejjeż tal-kawża odjerna.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
29 ta' Settembru 2022

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**